MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 122/2004

Kawza fil-lista: 51

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu b' mod civili fit-12 ta' Gunju 1994 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok. PV1.

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta huwa ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Premess illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi l-konvenuta ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet li sehh fit-12 ta' Gunju 1994 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenut ta' l-Att taz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif sussegwentement emendat.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li ma jezistux l-estremi legali biex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi dikjarat null; u li l-azzjoni odjerna giet promossa sabiex l-attur jehles mill-obbligu tieghu tal-manteniment kif konvenut fil-kuntratt tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet; li anke jekk, dato non concesso, iz-zwieg jigi dikjarat null, dan zgur mhux b' tortijit attribwibbli lill-konvenuta, u salv l-applikazzjoni ta' l-artikolu 20[5] tal-Kap.255;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

***Azzjoni***

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-12 ta’ Gunju 1994 huwa null fil-ligi, stante vizzju tal-kunsens matrimonjali fit-termini tal-paragrafu [d] kollu, da parti tal-konvenuta, u eskluzjoni posittiva da parti ta’ l-istess fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta, in linea principali, qeda tikkontesta l-pretiza ta’ nullita’ promossa mill-attur, u qed issostni li z-zwieg huwa validu.

**Kwardu tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Gunju 1994 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa seba’ [7] snin. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, b’ assistenza medika, wara erba snin u nofs [4 ½]. Wara konvivenza matrimonjali ta’ disa’ [9] snin il-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt ippubblikat fil-5 ta’ Novembru 2003. Fil-prezent iz-zewg partijiet ghandhom relazzjonijiet extra matrimonjali.

Illi jirrizulta pacifiku li wara seba’ xhur zwieg iz-zewg partijiet riedu li jkollhom it-tfal, izda rrizulta li minhabba kondizzjoni klinika, relatata ma’ l-isperm count ta’ l-attur, il-koppja rriskontrat diffikultajiet kbar f’ dan ir-rigward. Sussegwentement rizultat ta’ l-assistenza medika u l-istruzzjonijiet li kienu jircevu mit-tobba, il-konvenuta harget tqila u b’ hekk wara erba’ snin u nofs mid-data taz-zwieg twieldet it-tifla komuni taghhom.

Illi fl-affidavit[1] tieghu, konfermat bid-deposizzjoni tieghu, l-attur jghid li matul iz-zmien li kienu gharajjes “anke fil-bidu taz-zwieg taghna s-sitwazzjoni ta’ bejniethna kienet wahda tajba … anke l-ewwel ftit xhur tal-hajja mizzewwga kienu tajbin <u>ferm</u> sakemm bdejna nipprovaw ghat-tfal. Meta konna gharajjes konna nitkellmu dwar <u>dak kollu</u> li wiehed jistenna mill-hajja mizzewwga.”

Illi skond l-attur jirrizulta li l-inkwiet matrimonjali beda seba xhur wara d-data taz-zwieg, u senjatament meta l-koppja

[1] Aff. - fols.14 *et seq*. - sottolinear tal-Qorti

ddecidiet li tipprova jikollha t-tfal. Huwa jilmenta mill-fatt li, hekk kif rriskontraw d-diffikultajiet indikati fil-paragrafu precedenti, il-konvenuta bdiet tkun nervuza u rabbiet ossessjoni sabiex ikollhom it-tfal fiz-zwieg; bir-rizultat li okkazzjonalment kienet tghajjru bil-kondizzjoni tieghu. Dan kien fonti ta' inkwiet matrimonjali; izda l-attur jghid li hekk kif il-konvenuta skopriet li hi ncinta il-glied bejniethom naqas "konsiderevolment" ghax il-konvenuta kienet kuntenta, kif ukoll ghax kien ikollha hafna x' taghmel.

Illi l-attur jilmenta wkoll li wara t-twelid tat-tifla "il-mara nbidlet mill-lejl ghan-nar … interess fl-obbligi matrimonjali kien naqas drastikament. Anke l-hajja sesswali ta' bejniethna marret lura, ghax il-mara ma kienitx qed turi dak l-interess li kellha qabel". Huwa jghid li maz-zmien intebah li "kont biss uzat biex hi tiehu dak li verament riedet u ma zzewwgitnix ghar-ragunijiet li wiehed jizzewweg b' mod normali."

Illi fid-deposizzjoni taghha, konfermata bl-affidavit taghha, il-konvenuta[2] tghid li, ghalkemm kellhom id-diffikulta' fuq indikata li eventwalment kienet giet superata bit-twelid tat-tifla, iz-zwieg taghhom kien dam sejjer tajjeb sa tmien snin mid-data' taz-zwieg. Fi kliema: "Jiena ghalija konna sejrin tajjeb, konna nsiefru, nohorgu u kellna t-tifla." Sa dak iz-zmien ma kienux inqalghu affarijiet gravi; izda wara tmien snin ta' hajja matrimonjali, hija saret taf, rizultat ta' telefonati anonimi, li l-attur kellu relazzjoni extra matrimonjali ma' persuna jdentifikata minnha b' isimha. Ghalkemm l-attur kien innega u baqa' jinnega din ir-relazzjoni, il-konvenuta tispjega li kien hemm tibdil fil-komportament tieghu li alimentaw is-suspetti taghha; izda tghid li, nonostante dan,hija kienet lesta li tahfirlu u jimxu 'l quddiem. "Ehe, ghax kont inhobbu, dak kien zewgi, u jiena kont inhobbu, ridt nahfirlu, pero' hu ma riedx." Eventwalment is-sitwazzjoni d-deterjorat, u nonostante li l-konvenuta kienet lesta li tahfirlu, huwa beda jkun anke aggressiv, u wara circa sena sseparaw.

---

[2] Dep. – fols.43 *et seq*. – sottolinear tal-Qorti

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li kien hemm okkazzjoni, anke waqt is-separazzjoni li l-attur avvicinaha biex ikollu x' jaqsam maghha, u hi tghid "Iva, darba minnhom hallejtu, ghax jiena kont inhobbu."

Rigward l-imputazzjoni attrici li l-konvenuta kienet ossessjonata biex ikollha t-tfal u li hi kienet izzewwget lill-attur biex ikollha t-tfal u xejn aktar, il-konvenuta tirribatti tghid li t-tnejn kienu jixtiequ li jkollhom it-tfal u mat-twelid tat-tifla "kulhadd kien ferhan" izda "ma warrabtux kont insajjarlu, nahsillu l-hwejjeg." Hi tikkonferma dak li qal l-attur stess li wara t-twelid tat-tifla l-hajja bejniethom kienet giet normali, inkluza l-hajja sesswali bejniethom, dejjem kunsidrat il-fatt li l-konvenuta kellha oneru akbar tiehu hsieb it-tifla u ghalhekk gieghli kienet tkun ghajjiena.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u hija izjed propensa li tghati affidament lill-konvenuta milli lill-attur.

Illi fl-ewwel lok huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi minn jallega l-fatt ghandu l-oneru li jipprova l-fatt minnu allegat;

[2] Illi fl-ezami tal-validita' o meno ta' zwieg civili l-mument krujali huwa dak tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u l-fatti sussegwenti, jekk qrib dan il-mument, jista' jkollhom relevanza biss jekk jaghtu dawl fuq il-forma mentis tal-partijiet fil-mument tal-ghoti ta' dak il-kunsens.

***Discretio Judicii***

Illi l-ewwel kawzali li fuqha l-attur qed iserrah l-azzjoni tieghu hija bazata fuq il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, imputat lill-konvenuta.

Illi mill-provi kif fuq delineati din il-kawzali tirrizulta manifestament infondata. Ma rrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta ma kellhiex certu dixxerniment tal-obbligi matrimonjali essenzjali, jew

li kienet affetta minn inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li taghraf, tirrifletti u li tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju u cioe' li z-zewg partijiet kienu konxji tal-obbligi matrimonjali essenzjali ghaz-zwieg meqjus bhala unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom.

Dan johrog car mill-isforzi maghmula minnhom sabiex ikollhom wild miz-zwieg, kif ukoll mill-konvivenza matrimonjali twila minghajr problemi kbar li ghaddew minnha l-partijiet. Anke l-attur stess fl-affidavit tieghu jghid li l-ewwel xhur taz-zwieg kienu tajbin "ferm", u l-Qorti zzid li skond il-versjoni tal-konvenuta, accettata bhala veritiera minn din il-Qorti, ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet kienet wahda tajba sakemm l-attur dahal f' relazzjoni extra matrimonjali, u dana wara tmien [8] snin taz-zwieg. Il-Qorti tifhem li dina hija l-vera kawza tat-tifrik ta' dan iz-zwieg, u mhux li l-konvenuta, skond kif l-attur qed jipprova jghati l-Qorti x' tifhem, ma kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Inolte, il-Qorti tikkunsidera bhala gratuwita, u fic-cirkostanzi nverosimili, l-allegazzjoni ta' l-attur li,wara t-twelid tat-tifla, il-konvenuta tilfet l-interess fih; liema allegazzjoni ma gietx sostanzjata bi provi konvincenti, apparti mill-fatt li giet michuda b' mod konvincenti mill-konvenuta.

Illi r-rigward it-tieni parti tal-kawzali, bazata fuq l-anomalija psikologika kontemplata fit-tieni parti tal-paragrafu [d], il-Qorti tosserva li din hija ampjament nfondata. Ma giet provata ebda traccia ta' anomalija psikologika da parti tal-konvenuta; u jista' jinghad ghall-kompletezza li d-desiderju qawwi li l-konvenuta bhala mara mizzewwga kellha sabiex ikollha wild miz-zwieg, u li l-attur ingustament jirreferi ghalih bhala "ossessjoni", jemani mill-istint matern li hu fin-natura tal-mara, u ghalhekk l-attur huwa ngust meta jipprova jaqbad ma' dan il-komportament ta' martu li kien kagunat mill-kondizzjoni li kellu hu.

***Anomalija Psikologika***

Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq it-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, li jikkontempla bhala wiehed mill-capita nullitatis il-kaz fejn parti, ghalkemm esternament tkun ghaddiet minn ceremonja ta’ zwieg, izda internament u b’ att posittiv tal-volonta’ taghha tkun eskludiet iz-zwieg fih innifsu, jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Huwa jsostni li “il-konvenuta meta hija eskludiet lil zewgha attur mill-hajja taghha, billi kienet lahqet l-iskop taghha li jkollha tarbija, jammonta ghall-eskluzjoni taz-zwieg innifsu.”[3] u li kieku kienet taf bil-problema ta’ l-attur ma kienitx tizzewwgu.

In propositu l-Qorti tosserva:

[1] Illi mhuwiex minnu li wara t-twelid tat-tarbija l-konvenuta eskludiet lill-attur mill-hajja taghha. Din l-allegazzjoni giet michuda mill-konvenuta, u l-Qorti thoss li, fic-crikostanzi, hija inveritiera.  Anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju, ghax meta, wara 7 xhur taz-zwieg il-partijiet skoprew li kien difficli biex ikollhom it-tfal minhabba l-kondizzjoni klinika ta’ l-attur, il-konvenuta, mhux talli warrbitu, izda kkooperat mieghu u flimkien irnexxiehlhom wara 4 snin u nofs, ikollhom tarbija, u sussegwentement damu jikkonvivu minghajr inkwiet serju ghal 4 snin ohra. Altru milli eskludiet iz-zwieg innifsu !

[2] Illi l-allegazzjoni ta’ l-attur li l-konvenuta kienet tghidlu li ma kienitx tizzewwgu li kieku kienet taf bil-kondizzjoni tieghu, ma jghatu ebda sostenn lil din il-kawzali, ghax il-mument relevanti huwa il-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali u f’ dak il-mument il-partijiet ma kienux konxji tal-kondizzjoni ta’ l-attur; u dan apparti kunsiderazzjoni li qabel iz-zwieg kull parti hija libera li tiehu d-decizjonijiet taghha dwar jekk tersaqx ghaz-zwieg jew le.

***Setghat jew Rieda Intelletwali***

[3] Nota osserv. – fol.59

Illi t-tielet l-kawzali bazata fuq il-paragrafu [h] ta’ l-artikolu precitat, hija ampjament infondata u mhiex sostnuta b’ ebda prova.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici, in kwantu bazata fuq il-kawzali ndikati fic-citazzjoni, ma tinsabx sostnuta mill-provi u ghalhekk mhijiex gustifikata u ma timmeritax li tigi milqughaa.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------